MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Numru 424/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
v

**NORMAN BEZZINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NORMAN BEZZINA** ta' sitta w erbghin sena bin Salvatore u Rose nee Cilia, imwieled Haz Zebbug nhar t-tlettax ta’ Awissu 1954 u residenti Block C1, Flat 6, Triq Ganni Bonnici, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 667054M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta’ April 1999 u f'dati ohra fil-Belt Valletta u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer;

1. Iffalsifika dokument, li meta jigi ppresentat, wiehed jista jircievi bih hlas, jew jiehu

kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew stabbiliment pubbliku mwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern jew xjentement ghamel uzu minn tali dokument;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw f'isem il-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu u cioe d-Departiment of Labour Occupational Health and Safety Unit, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin taht kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn tali sigilli, timbri jew marki;

3. Talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fid-dsatax ta' April 1999 u/jew f'xi data ohra, fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited, xjentement gie fil-pussess ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom hija limitata u dan billi fit-tlettax ta' April 1999 xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fis-sottomissjoni ta' dokument falz lid-Dipartiment tad-Dwana biex tigi rilaxxata merkanzija, liema merkanzija sussegwentement giet rilaxxjata mid-Dwana fid-dsatax ta' April 1999 bid-dokumenti tad-Dwana bin-numru R27616 datat tlettax ta' April 1999, liema merkanzija kellha valur ta' elf tlett mija hamsa w disghin lira maltin li fuqha thallas l-ammont ta' mitejn u disgha liri maltin bhala VAT kif wkoll depositu ta' mija u tletin lira maltin peress li ma giex ppresentat certifikat EUR 1 biex tkopri dazju u VAT dovut.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta' Lulju 2001 esibit a fol 6 tal-atti bhala dokument CSH sabiex f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, kif ukoll l-Letter to Prosecute markata bhala dokument CSH 3 a fol 15 tal-atti mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jittiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara waqt l-ezami li sarlu nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ai termini tal-artikolu

370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita [fol 7].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 8] li qal li dan il-kaz kien beda jinvestigah l-ex Spettur Ivan Portelli f'Mejju tas-sena 1999 u li kien wasal ghandu ftit xhur qabel. Qal li mill-*file* li ra jirrizulta li hemm rapport mis-Senior Inspector Carmelo Gullaumier tad-Dipartiment tal-Frodi fid-Dwana li kien hemm suspetti li l-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited kienet impurtat xi affarijiet f'Malta permezz ta' xi dokumenti foloz.

Kompla jghid li l-ex spettur tal-pulizija Ivan Portelli kien baghat ghal imputat nhar t-tlieta ta' Awissu 2000 fejn interrogah u l-imputat irrilaxxja stqarrija fil-presenza ta' PS 130 Ivan Cilia, wara li kien gie moghti s-solilta twissija [fol 10]. Ix-xhud ikkonferma l-firma tal-ex spettur Ivan Portelli, ta' PS 130 Ivan Cilia kif wkoll tal-imputat fuq l-imsemmija stqarrija mmarkata bhala dokument JC.

Qal li minn dak li setgha jara, il-problema kienet dwar timbru li bih tigi rilaxxjata merkanzija u kien hemm allegazzjoni li t-timbru fuq d-dokument tar-rilaxx, kien falz [dok CSH 7 a fol 19].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 **xehed Francis sive Frank Agius** [fol 13] li ddikjara li hu jahdem bhala spettur tad-Dwana u hu stazzjonat l-Legal Section. F'isem l-Kontrollur tad-Dwana, esibixxa l-*Letter to Prosecute* fil-konfront tal-imputat odjern, li giet mmarkata bhala dokument CSH 3 [fol 15]. Esibixxa wkoll dokumenti originali tad-Dwana li a bazi taghhom saret r-*release*, kif wkoll l-fattura li giet ppresentata, dokument mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha kif wkoll dokument tad-Department

of Labour. Qal li d-dokument CSH 4, huwa l-*customs declaration*, d-dokument CSH 5 huwa l-fattura, d-dokument CSH 6 hu r-*release order* li fuqha ssir r-*release* tal-merkanzija ‘n kwistjoni, d-dokument CSH 7 huwa dak mahrug mid-Department of Labour li hu allegatament falz, filwaqt li d-dokument CSH 8 huwa *specimen* ta’ dokument li jinhareg mid- Department of Labour [fol 16 et seq].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2001 **xehed Carmelo Giullamier** [fol 21] fejn qal li hu Senior Inspector mad-Dwana u stazzjonat l-ajruport, pero fiz-zmien in kwistjoni u cioe f’April 1999, kien jifforma parti mill-*investigation section* tad-Dipartiment tad-Dwana l-Belt Valletta. Qal li dak iz-zmien hu kien ghamel rapport lil Kontrollur tad-Dwana rigward merca mahruga mill-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited, u cioe li waqt l-investigazzjoni li kien ghamel, kien iltaqa ma dokument li jinsab esibit bhala dokument CSH 7, li fuqu hemm miktub ‘Departiment of Health’. Qal li peress li dan d-dokument ma kienx suppost qieghed anness mad-dokument CSH 6, ghamel l-verifiki tieghu dwaru.

Kompla jghid li meta kkuntattja lil Occupational Department dwar dan id-dokument gie konfermat lilu minn certu Silvio Farrugia, li dan ma harigx minn dan d-dipartment. Qal li Silvio Farrugia kien qallu li suppost d-dokument CSH 8 [*specimen*] jinhareg biss minnu. Zied jghid li skond Silvio Farrugia, l-firma li hemm fuq d-dokument CSH 7 ma kienetx tieghu. Spjega li meta ghamel l-verifiki tieghu biex jara jekk t-timbru fuq d-dokument CSH 7 jaqbilx mat-timbru li verament ghandhom d-dipartiment tal-Occupational Health, kif muri fid-dokument CSH 8, irrizultalu li ma kienx l-istess. Qal li fil-fatt, hemm il-kelma ‘and’ bejn l-kliem ‘Health and Safety’ li hija nieqsa. Qal li fil-fatt minn ezami tad-dokumenti CSH 7 u CSH 8 jirrizulta li din il-kelma hija nieqsa.

Zied jghid li t-timbru muri fuq d-dokument CSH 8 gie moghti lilu minn Silvio Farrugia fis-sens li gie ttimbrat quddiemu. Qal li fuq d-dokument CSH 8 hemm l-firma tieghu, ta’ siehbu Joseph Zerafa kif wkoll ta’ Silvio

Farrugia, liema timbri saru quddiem xulxin. Qal li sussegwentement ghal dan l-incident, kien hemm xi komunikazzjoni bejn d-dipartament tieghu u tal-Occupational Health Unit.

Dwar d-dokument CSH 7, ix-xhud kompla jghid li l-firma hemm murija ma kienetx tieghu. Qal li fil-fehma tieghu, l-firem hemm murija fuq d-dokumenti CSH 7 u CSH 8, jixxiebhu. Qal li dak iz-zmien, fuq t-timbru setgha jiffirma biss Silvio Farrugia. Qal li a bazi ta’ dawk d-dokumenti huma kienu qed jinvestigaw lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, peress li hu direttur tal-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited.

Ix-xhud esibixxa kopja tat-timbru li kien hemm dak z-zmien fid-Department of Labour bil-font differenti u bis-sustanzi differenti wkoll, bhala dokument CSH 9. Esibixxa bhala dokument CSH 10 li hu ittra li rcivew minghand Silvio Farrugia tad-Department of Labour in konnessjoni mad-dokument CSH 9.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2001 **xehed Silvio Farrugia** [fol 26] li qal li hu jahdem fid-dipartiment tal-Health & Safety. Meta gie muri d-dokument CSH 9, li huwa dokument li fuqu hemm zewg timbri homor, ix-xhud qal li dawk t-timbri kienu jintuzaw sa ftit zmien qabel mid-dipartment tieghu. Qal li dawn baqghu jintuzaw sas-sena 2000. Zied jghid li apparti dawn z-zewg timbri, kien hemm timbru iehor li kien jghid ‘*industrial hygiene*’. Qal li apparti dawn t-tlett timbri, ma jidhirlux li kien hemm xi timbri ohra. Kompla jghid li f’April 1999, hu kien jokkupa l-kariga ta’ spettur fid-Department of Labour fl-Occupational Health and Safety Unit. Meta gie muri d-dokument CSH 7, ix-xhud qal li fuqu hemm timbru, pero dwaru hu ma kien jaf xejn u zgur li ma kienx hareg mid-Department of Labour. Qal li fuq dan d-dokument hemm firma li zgur wkoll ma kienetx tieghu.

Meta gie muri d-dokument CSH 10, ix-xhud ikkonferma li dik kienet ittra tieghu mibghuta lil Carmelo Gullaumier tal-Customs nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 1999. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq din l-ittra. Spjega li d-

dokument CSH 7 kien dokument mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha, '*industrial hygiene unit*' Imsida u li parti minn xogholu kien l-ipprocessar tal-importazzjoni. Qal li kienet formola vojta li kienet tinghata lin-nies u dan sabiex ikun jista jiffaccilita l-process, pero dan d-dokument kien johrog vojt, fis-sens li kien ikun minghajr timbri u dati. Qal li dan d-dokument kien jinhareg qabel s-sena 1995. Ix-xhud kompla jghid li mis-sena cirka 1995, kien hemm amalgamazzjoni bejn d-Department of Health u d-Department of Labour, u twaqqfet l-Occupational Health and Safety Unit taht d-Dipartiment tax-Xoghol. Zied jghid li min kien baqa jiehu dawn il-formoli murija fid-dokument CHS 7, kienu jigu approvati mill-l-Occupational Health and Safety Unit. Dan nonostante, kompla jghid ix-xhud, kienu jaghtuhom karti godda kif murija fid-dokument CSH 8 fis-sens li jkun hemm t-timbru tal-Occupational Health and Safety Unit fil-parti ta' fuq tal-istess dokument, n-naha tal-lemin. Qal li dan d-dokument beda johrog wara l-amalgazzjoni, pero dan d-dokument CSH 8 kien johrog minghajr t-timbru l-ahmar li hemm muri fuqu. Qal li sussegwentement wara li l-klijent jiehu din il-formola, kien imur lura, jimla fejn hemm miktub '*brand name*' u '*name of manufacturer*' u wara kien jigi ttimbrat b'referenza, jigifieri isir t-timbru l-ahmar w issir il-firma tal-ufficjal tahtha, naturalment b'referenza ghal prodott muri fuq l-istess formola.

Qal li fil-perjodu 1999, l-ufficjali li kienu nkarigati jittimbraw dan t-timbru kienu hu u certu David Sammut. Qal li kif jiffirma David Sammut, hu kien jaf. Meta gie muri d-dokument CSH 7, u saritlu referenza ghat-timbru muri fuq l-istess, x-xhud ikkonferma li l-firem li hemm fuqu la huma tieghu u lanqas ta' David Sammut. Zied jghid li meta mportatur imur l-ufficju taghhom bil-formola, kien imur qabel ma kien ikun ordna x-xoghol u huma jitolbu d-dokumenti skond l-informazzjoni li jaghtihom l-importatur, dejjem skond l-prodott, jigifieri jekk ikunx *low* jew *high risk*, dejjem mill-punto di vista ta' Occupational Health. Qal li meta huma jaghtu jew jircievu xi dokument, dan jidhol fil-*file* ta' dik il-persuna u jekk l-applikant ikun wiehed frekwenti, huma jsibu l-*file* tieghu skond r-*records* u

jkomplu jziedu mieghu w ghalhekk f'dak l-istadju, huma ma kellhom lil hadd registrat bl-isem M.A.N. Foodstuffs.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kellhomx registrat taht l-isem l-imputat minflok M.A.N. Foodstuffs, ix-xhud wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jghid. Qal li sussegwentement, meta d-dokument CSH 7, illum CSH 8, tigi mimlija u fuqha ikun hemm t-timbru tad-Dipartiment kif wkoll l-firma, a bazi taghha, l-applikant klijent ikun jista jmur d-dipartiment tieghu, biex ikompli jipprocessa d-domanda tieghu. Zied jghid minghajr dan d-dokument, il-process ma jistax jinbeda salv jekk ikunx hemm xi process antik tas-sanita maghruf bhala IRN system li jindika li d-dipartiment diga jaf kollox dwarha, ippoggielha numru u dan in-numru ikun jista jintuza minn kulhadd, li ma japplikax ghal dan il-kaz.

Qal li di persona, hu ma jafux lil imputat. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-imputat kien mar xi darba l-ufficju, peress li wiccu donnu mhux gdid. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk l-imputat kienx mar l-ufficju 'n konnessjoni mal-kwistjoni in dezamina, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk l-ufficju taghhom huwiex komputerizzat, ix-xhud wiegeb li l-IRN system kienet. Qal li l-prodotti li hu jiffirma ghalihom kienu fuq *hard copy*. Qal li l-kwistjoni 'n dezamina ma taqax taht l-IRN system peress li kieku ma kienx jiffirma ghaliha hu. Qal li kieku l-klijent jikkonferma l-IRN number, ma jmurx ghandu u b'hekk ma jkunx hemm ghalfejn imur d-Department of Occupational Health, izda jmur direttament d-Department of Trade u jkun dan l-ahhar imsemmi dipartiment li japprova l-licenzja u sussegwentement imur l-Customs, jigifieri d-dipartiment tieghu, w id-Department of Labour jigi sorpassat *altogether*.

Kompla jghid li meta hu dahal f'dan d-dipartiment fis-sajf tas-sena 1995, dawn il-*policies* kienu diga ezistenti u f'dan l-ufficju ikun daqqa hu u daqqa David Sammut, jalternaw. Qal li f'April 1999 ma kien hemm hadd iehor ghajr hu u David Sammut. Qal li meta beda l-impjieg tieghu, r-*rubber stamps* in kwistjoni kif murija fid-dokument CSH 9 u l-iehor tal-*hygiene*, kienu gia jezistu, ghalkemm ma kienx jaf kemm kienu gew ordnati *rubber stamps*.

Mistoqsi ta’ min kienet il-firma murija fuq d-dokument CSH 7, x-xhud m’gharafx iwiegeb, u zied jghid li fil-fatt la setgha jghid hekk hijiex firma u lanqas inizjali, hija biss marka. Qal li n-numri murija hdejn d-data fuq dan d-dokument lanqas ma huma tieghu. Qal li jahseb li dawn ma humiex numri izda data, pero dwarhom ma kien jaf xejn.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **rega’ xehed Silvio Farrugia** [fol 128] li qal li hu jahdem bhala senior manager fid-dipartiment tal-Health & Safety. Mistoqsi x’kien jaghmel f’April 1999, wiegeb li xogholu kien l-ipprocessar tal-licenzji t’importazzjoni. Ikkonferma li dak iz-zmien kien hemm timbri; kien hemm timbru li jintuza biex jaghmlu korrezzjoni bi ftehim ma tad-dwana biex jawtentikaw zball, kien hemm timbru kbir bil-kliem ‘Department of Labour’ fejn ftit wara d-dipartiment kien biddel ismu ghal Department of Labour, Occupational Health and Safety Unit. Zied jghid li jekk ma kienx sejjer zball kien hemm wkoll OHS u kien hemm timbru iehor bid-data, li pero ma tantx kien jintuza salv ghal certi applikazzjonijiet. Qal li hu kien *full time* hemmhekk u meta kien ikun assenti hu, kien ikun hemm wiehed minfloku.

Qal li t-timbru qatt ma gie mitlub lilhom minn xi hadd u kien mizmum f’kamra *under lock and key*, li tinghalaq u tissakkar. Qal li lanqas il-pulizija ma qatt talbuhom dan t-timbru. Zied jghid li hu biss kellu c-cavetta ta’ din il-kamra, lanqas il-principal tad-dipartiment ma kellu cavetta ta’ din il-kamra. Qal li sabiex isir t-tindif tal-kamra, kien jiftah hu ghaliex ic-cavetta kien izommha hu biss. Spjega li dan t-timbru kien wiehed normali tal-gomma bl-ebda mezz ta’ sigurta, bhal kull timbru iehor.

Qal li lil imputat ma kienx jafu personali, pero di vista. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-imputat kien mar l-ufficju tieghu f’okkazzjoni wahda. Qal li dak iz-zmien Frank Pullicino kien Direttur tax-Xoghol, u bejnu u bejn Frank Pullicino kien hemm l-principal tal-Occupational Health and Safety Unit. Qal li t-*teachnical operation* u kontroll

tad-dipartiment ma kienx jaqa f'idejh. Ix-xhud kompla jghid li l-pulizija qatt ma talbuh xi *leave* f'April 1999. Qal li ma kienx jaf li jien jinzamm xi record meta kien jintuza t-timbru 'n kwistjoni. Zied jghid li l-persuna li kienet tidhol xoghol minfloku meta kien ikun assenti mix-xoghol, ma kienx jaghmel xi firma tal-granet li kien juza t-timbru.

Ix-xhud kompla jghid li l-persuna kienet titlob li jkollha licenzja fis-sens li johodha mimlija quddiemu u wara skond l-OHS code, li hi tariffa internazzjonali, ikun hemm numru ta' dipartimenti li jaghtu l-kunsens taghhom sabiex dik l-applikazzjoni tigi approvata. Zied jghid li ghal certu OHS codes, kien hemm bzonn li jkun hemm l-permess mid-dipartiment tieghu u li ikun ghalhekk li dik l-applikazzjoni kienet tispicca quddiemu. Qal li dik l-applikazzjoni kienet tigi approvata minnhom, u sussegwentement tmur quddiemu, biex tigi processata quddiem d-dipartimenti l-ohra koncernati.

Mistoqsi x'sar minn t-timbru li hu kien juza, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li hu kien baqa f'dak l-ufficju ghal xi sentejn wara s-sena 1999 u meta spicca minn hemm, t-timbru baqa fejn kien. Qal li l-persuna l-ohra li kien hemm mieghu kien David Sammut. Ix-xhud qal li ma kienx f'posizzjoni jiftakar l-applikazzjonijiet kollha li hu kien ittimbra ghaliex ittimbra eluf kbar. Ix-xhud zied jghid li meta kien xehed l-Qorti f'Lulju 2004, u kien gie mitlub jghid liema timbru kien falz u liema le, meta kien gie muri timbri, kien wiegeb li ma kienx tieghu. Qal li l-firma fuq dak t-timbru ma kienetx tieghu, ghaliex fuq t-timbru kienu jaghmlu firma. Spjega li t-timbru li kien gie muri lilu kellu zball grammatiku u kien ghalhekk li kien qal li ma kienx tieghu. Qal li llum il-gurnata l-ufficju 'n kwistjoni m'ghadux jintuza, ilu snin ma jiffunzjonax u ma kienx jaf jekk t-timbru kienx ghadu jezisti jew le. Qal pero li kien ser jaghmel ricerka dwaru. Qal li sa fejn jaf hu, dak z-zmien, hu u l-persuna l-ohra kienu jiffirmaw biss, pero minn dak iz-zmien dahlu nies ohra. Qal li dak d-dipartiment kien wiehed kbir. Ix-xhud ma setghax jikkonferma jekk s-superjuri tieghu kienux jiffirmaw xi applikazzjonijiet jew formoli. Qal li ma kien jaf li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn s-superjuri tieghu ttimbraw huma l-applikazzjonijiet.

Mistoqsi jekk ufficjal ghola minnu setghax iffirma xi dokument huwa wiegeb li setgha, pero hu ma kienx jaf b'dan. Qal li ma kienx a konoxxenza tieghu jekk s-superjuri tieghu kellhomx timbru iehor bhal dak, pero ma dehrlux li kien hemm zewg timbri ta' dan. Qal li sakemm dam xoghol hemmhekk hu, t-timbru qatt ma kien intilef, kien difficili jintilef ghaliex dejjem fl-istess kamra kien ikun. Lanqas ma qatt rrizultalu li t-timbru kellu xi hsara u kellu jsir iehor bhalu, ghalkemm ma setghax jghid fic-cert li kien hemm wiehed bhalu. Zied jghid li kien hemm xi okkazzjoni meta s-superjuri tieghu talbuh jipprocessa applikazzjoni malajr pero xorta l-applikazzjoni kienet tohrog minghandu, ghaliex fino 'n fondo, xorta trid tohrog minghandu.

Illi nhar s-sebgha ta' Dicembru 2001 **xehed PS 130 Ivan Cilia** [fol 36] fejn qal li hu kien presenti nhar t-tlieta ta' Awissu 2000 waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputat markata bhala dokument JC a fol 10 tal-atti. Hu kkonferma kemm il-firma tieghu, dik tal-ex Spettur Ivan Portelli, kif wkoll tal-imputat fuqha. Zied jghid li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat kien gie moghti s-solita twissija u l-istess imputat kien ikkorrobora fis-sens li rrisponda d-domandi maghmula lilu. Ix-xhud esibixxa l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited li gie mmarkat bhala dokument JC 1 [fol 38]

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 **xehed David Sammut** [fol 73] fejn qal li qabel d-dsatax ta' April 1999 hu kien Health and Safety Inspector fid-dipartiment tal-Occupational Helath and Safety Unit. Meta gie muri d-dokumenti CSH 7 u CSH 8, ix-xhud qal li d-dokument CSH 7 huwa formola fejn il-*black print* ta' fuq din il-*print* hija *standard* u tohrog mid-dipartiment taghhom, liema *print* hija maghrufa bhala form 22. Mistoqsi mill-Qorti jispjega t-timbru l-ahmar fuq d-dokument CSH 7, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, fid-dipartiment fejn kien jahdem, ma kien jezisti ebda timbru ta' dak t-tip u li dik il-formola timtela mis-sessjoni tieghu.

Zied jghid li min kien imur b'dawk d-dokumenti, huma kienu jikkancellaw l-parti ta' fuq in-naha tal-lemin, fejn hemm miktub Rue d'Argens u minflokha kienu jiktbu u jittimbraw fuqu bl-istess timbru taghhom, hdejha bit-timbru taghhom li kien hemm miktub Occupational Health and Safety Unit.

Mistoqsi jghid ta min hija l-firma li tidher fuq t-timbru l-ahmar, x-xhud ma kienx f'posizzjoni jirrispondi ghaliex ma kienx jgharafha. Qal li tieghu ma kienetx zgur u lanqas ma jirrizultalu ta' min kienet. Qal li dak d-dokument, dak iz-zmien li nhareg, kien jigi ffirmat minn zewg minn nies, jew minnu jew minn Silvio Farrugia. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaghraf il-firma ta' Silvio Farugia, ix-xhud rrisponda li bhala firma tieghu kien jaghrafha, pero dik murija lilu ma kienetx ta' Silvio Farrugia. Mistoqsi jekk fit-tlettax ta' April 1999 kienx hemm xi persuna ohra awtorizzata biex tiffirma fuq dan d-dokument, x-xhud wiegeb li ma kienx hemm.

Qal li minn ezami ulterjuri ta' d-dokument CSH 7 jirrizultalu li dan ma harigx mid-dipartiment tieghu. Zied jghid li fit-tlettax ta' April 1999 huma ma kienux johorgu dak t-tip ta' formoli kif muri fid-dokument CSH 7, kellhom formoli bhalu pero fuq in-naha tal-lemin fuq il-parti ta' fuq, fejn hemm miktub Rue d'Argens, kien jigi kancellat u sostiwit bit-timbru taghhom 'Occupational Health and Safety Unit'. Mitlub jikkummenta dwar d-dokument CSH 8, x-xhud qal li dik l-formola hija maghrufa maghhom bhala OHSU 22. Mistoqsi meta harget din il-formola, x-xhud m'gharafx iwiegeb.

Qal li l-formola li kienet qed tintuza dak iz-zmien ma kienetx bhal dik esibita, kienet ftit differenti. Zied jghid li biex timtela l-formola CSH 7, il-persuna koncernata kienet tkun trid tmur l-ufficju taghhom biex timtela. Mistoqsi jekk jgharafx lil imputat bhala wiehed minn dawk li kien qatt mar l-ufficju taghhom, ix-xhud wiegeb li ma kienx jgharfu bhala tali. Qal li hu kien ilu jokkupa l-kariga li kellu ghal dawk l-ahhar sitt snin u li f'xahar gieli kellhom sebgha mitt licenzja quddiemhom w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jgharaf lil kulhadd li jmur quddiemu. Mistoqsi jghid meta

nxtraw l-formoli fis-sens ta' perjodu, x-xhud wiegeb li kien difficili hafna jindika dan bi precizjoni, pero b'certezza qal li qabel is-sena 1995 u cioe qabel ma beda l-impjieg tieghu hemmhekk, kienu jintuzaw l-formoli CSH 7 esibiti fl-atti. Qal li sussegwentement ghamlu zmien qasir juzaw l-istess formoli.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2002 **xehed Lawrence Falzon** [fol 79] li qal li hu jahdem bhala ufficjal tad-dwana. Meta gie muri tlett dokumenti CSH 5, CSH 6 u CSH 7, qal li d-dokument CSH 5 hu *invoice* favur is-socjeta M.A.N. Foodstuffs Limited, u fuqu hemm miktub li din is-socjeta kienet ser tibghat *car wash preparation*. Dwar d-dokument CSH 6 qal li din hija *entr*y tad-dwana u fuq il-parti ta' wara tal-*entry*, hemm l-firma tieghu. Mistoqsi jekk d-dokument CSH 6 ghandux x'jaqsam mad-dokument CSH 5, ix-xhud wiegeb li ghandu x'jaqsam ghaliex fuq l-*entry* hemm mitkub *car wash preparation*. Sussegwentement dan ix-xoghol konsistenti f'*car wash preparation* wasal Malta w irrilaxxjah hu. Mistoqsi min kien mar ghal dan x-xoghol, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf pero jekk ma kienx sejjer zball, kien xi burdnar. Dwar d-dokument CSH 7 ix-xhud qal li dak kien certifikat tal-OHU li jkun *attached* mal-*invoice* dokument CSH 5 u mal-*entry* dokument CSH 6. Qal li fil-fatt, jekk ma jkollux dan d-dokument CSH 7, hu ma jirrilaxxjax x-xoghol.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2002 **xehed Victor Schembri** [fol 81] li qal li hu jahdem bhala burdnar ma Schembri Borthers. Mistoqsi jekk jafx min hu l-imputat odjern, x-xhud wiegeb li jafu bhala Bezznina u gieli tella xoghol ghalih mid-dwana. Meta gie muri d-dokumenti minn CSH 4 'l quddiem, ix-xhud qal li d-dokument CSH 4 hu maghruf bhala assikuda li jigi mimli minnhom bhala burdnara. Qal li dan jimtela wara li l-istess persuna li tkun trid li huma jnizzlulha x-xoghol mid-dwana, tkun ghaddietilhom d-dokumentazzjoni kollha u huma jkunu baghtu din d-dokumentazzjoni d-dwana. Qal li sussegwentement imorru d-dwana normali. Qal sussegwentement ghal din d-dokument assikuda, tohrog *assessment note* u wara jghaddu ghandu l-kaxxier u tohrog r-*release form* u cioe d-dokument CSH 5. Fuq d-dokument CSH 4, fil-parti ta'

isfel taghha, hu ra firma bl-iswed pero m'gharafx ta' min kienet. Qal li fuq dan d-dokument ma hemm ebda firma tieghu u m'gharaf ebda firma ta' x'impjegat tieghu. Kompla qal li hu ma setgha jghid xejn dwar il-kontenut ta' dak id-dokument. Qal li setgha kien t-tifel jew il-lavrant u cioe Antoine Schembri jew Mark Sacco. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk nizilx hu b'dik l-asikuda dokument CSH 4, ix-xhud wiegeb li hu impossibbli li jiftakar, ghaliex gieli kellhom ghoxrin *entry* kuljum.

Illi nhar t-tlieta ta' Gunju 2002 **xehed l-ex spettur tal-pulizija Ivan Portelli** [fol 87] li qal li sakemm kien spettur hu, kien investiga l-kaz odjern u fil-fatt gharaf lil imputat bhala l-istess Norman Bezzina li kien investiga hu. Qal li bhala spettur kien ha l-istqarrija tal-imputat wara li kien tah s-solita twissija. Qal li kien hemm zmien meta kienu avvicinawh tad-dwana u staqsewh biex jghamel investigazzjoni fuq il-kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited dwar xi dokumenti tad-dwana li kienu jinkludu xi *preparations* ta' *detergents* bhal Svelto u Ace. Qal li sussegwentement hu kien baghat ghal imputat u dan kien qallu li kien xtara dawk l-prodotti minghand xi Taljan, li ma setghax jaghti informazzjoni dwaru. Qal li huma kienu ccekkjew jekk verament dawk l-prodotti setghux waslu minghand dan t-Taljan u dan ma rrizultax. Qal li hu kien staqsa lil imputat min kien ghaddielu d-dokumenti tad-dwana u l-imputat kien qalilhom li kien certu George. Qal li staqsa lil imputat wkoll dwar t-timbru li allegatament hareg mid-dipartiment u l-imputat kien qallu li kien hemm persuna li taghtu dan t-timbru pero lanqas lil din il-persuna ma sabu fid-dipartiment. Qal li l-imputat ma kienx indikalu din il-persuna ghalkemm qal li kien f'posizzjoni li jgharfu jekk jarah.

Meta gie muri d-dokument JC u cioe l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ix-xhud ikkonferma li dik kienet l-istess wahda li hu kien ha minghand l-imputat meta kien ghadu spettur fil-Korp tal-Pulizija. Dwar d-dokumenti CSH 4 sa CSH 8, ix-xhud qal li dik kienet dokumentazzjoni li kien inghata ghal investigazzjoni. Qal li d-dokument CSH 7 fuq il-parti ta' wara tieghu fuq il-lemin hemm timbru. Qal li meta staqsa lil imputat dwar dan t-timbru, l-imputat kien

qallu li dak kien sar minn persuna li tahdem fid-dipartiment u meta staqsih min kienet din il-persuna, l-imputat ma tah ebda informazzjoni dwarha.

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 115], fejn meta gie mistoqsi jekk ghamilx xi zmien jimporta xi *food stuffs* wiegeb fl-affermattiv u dan taht l-isem ta' M.A.N. Foodstuffs Limited. Qal li din il-kumpanija timporta diversi oggetti tal-ikel fosthom ghagin, *detergents, shampoos* u oggetti li jintuzaw ghal karozzi. Qal li fuq dan il-kaz, kienu baghtu ghalih xi tlett spettur, l-Ispettur Sammut, l-Ispettur Ivan Portelli u l-Ispettur Cordina. Qal li kien irrilaxxja stqarrija quddiem l-ex spettur tal-pulizija Ivan Portelli. Meta gie muri d-dokument JC a fol 10 tal-atti, ix-xhud ikkonferma li din kienet l-istqarrija li kien irrilaxxja w ikkonferma kemm l-firma tieghu fuqha kif wkoll l-kontenut taghha.

Mistoqsi jekk xi hin il-pulizija qabdulux xi merkanzija li kien importa, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li kienu hadu xi sitta jew sebgha pakketti *detergents* Dash minn xi supermarket. Qal li d-Dash ma jigix impurtat minnu biss, igibu wkoll V.J. Salamone. Ix-xhud qal li s-supermarket li semma kien Ta' Natu l-Mosta u dan Ta' Natu kien xtara d-Dash minghandu u anke kien irrilaxxjalu ricevuta. Qal li d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan kien ghaddiha lil ispettur, ghalkemm ma ftakarx isem dan l-ispettur. Zied jghid li kien ghadda din d-dokumentazzjoni wkoll lil certu Gullaumier tad-dwana.

Spjega li darba minnhom kien mar l-ufficju tal-Occupational Health Division fuq domanda taghhom stess fejn kienu staqsewh minn fejn kien xtara d-Dash u hu qalilhom li kien xtrah minghand xi Taljan. Qal li kien urihom ricevuta ta' dik il-merca li kien xtara u kien ghaddiha, jekk mhux sejjer zball lil Ispettur Sammut. Mistoqsi liema sena kien xtara d-Dash, ix-xhud m'gharafx iwiegeb. Meta d-difiza gibditlu l-attenzjoni li l-istqarrija hu kien irrilaxxjaha fis-sena 2000, u l-allegazzjoni kienet tirrisali ghal April 1999, ix-xhud qal li ma kienx cert minn dak.

In kontr' ezami, meta saritlu referenza ghad-dokument 15, esibit fl-atti u partikolarment ghat-timbru li hemm tal-OSHU fuqu, ix-xhud qal li dak hadet hsiebu persuna li tahdem fit-tielet sular tal-OHSU, kif qal fl-istqarrija. Qal li effettivament din il-persuna xehdet wkoll l-Qorti.

Meta gie muri d-dokument CSH 7, u mistoqsi jekk kienx ra dan d-dokument jimtela, ix-xhud wiegeb li rah jimtela quddiemu. Qal li fil-fatt dik il-persuna biss setghet timlih dan d-dokument.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju **2005 xehed Frank Pullicino** [fol 132] fejn qal li fis-sena 1999 hu kien Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali w Impjiegi. Qal li lil imputat kien jafu pero qatt ma kien mar ghandu ghal xi permessi. Qal li jiftakar li darba kellu xi karti neqsin ghal hrug ta' licenzja u kien qal lil xi mpjegati tieghu biex jghinuh kemm jista jkun possibbli. Mistoqsi lil min kien qal, x-xhud wiegeb li lil Silvio Farrugia jew lil David Sammut. Qal li hu kien responsabbli mill-*administration*. Qal li ma jafx li kien hemm xi timbri ghaliex qatt ma ghamel uzu minnhom. Qal li kien jaf li kien hemm *unit* tal-Health and Safety, pero hu qatt ma dahal fiha. Zied jghid li ma kienx jaf minn fejn kienu jinxtraw t-timbri.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi permessi sabiex il-haddiema jiehdu c-cavetta tal-ufficju maghhom d-dar, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf b'dan. Qal li tal-Health and Safety jahdmu ghalihom. Minn Gunju 1999 sa dakinhar, hu dejjem baqa fl-istess dipartiment. Meta gie muri d-dokumenti CSH 7 u CSH 8, ix-xhud ma setgha jghid xejn dwarhom, lanqas fuq il-firma murija fuq z-zewg dokumenti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar **2006 xehed Anthony Zammit** [fol 144] fejn qal li jaf lil imputat peress li kellhom kumpanija M.A.N. Foodstuffs Limited flimkien. Qal li din il-kumpanija kienet timporta diversi oggetti fosthom ghagin, sapun tal-karozzi u *detergents*, li ma ftakarx isimhom. Qal li hu kien ma l-imputat meta darba marru f'xi dipartiment vicin il-General Workers Union b'xi dokumenti. Qal li ma kienx jaf liema kien id-dipartiment ghaliex kien jhalli kollox

f'idejn l-imputat. Qal li l-persuna li riedu ma kienetx hemmhekk u kienu hallew d-dokumentazzjoni ma messaggier tad-dipartiment u kienu marru jigbruha jew dakinhar stess filghaxija jew l-ghada filghodu. Qal li dawn d-dokumenti ma gewx mghoddija lilhom mill-istess persuna li kienu hallewhom ghandu. Ikkonferma li hu kien mal-imputat meta saret din il-konsenja lura tad-dokumenti li semma. Qal li sussegwentement l-imputat kien mar itellgha x-xoghol mid-dwana pero hu ma kienx mieghu dakinhar li dan sar, l-imputat kien mar wahdu.

Mistoqsi x'xtip ta' dokumenti kienu x-xhud m'gharafx iwiegeb. Mistoqsi kemm dam fin-negozju mal-imputat, x-xhud wiegeb li kien dam xi sena jew tnejn. Mistoqsi kemm il-darba mar f'dan l-ufficju mal-imputat, x-xhud wiegeb li kien mar darba biss. Qal li gieli mar hemm wahdu u gieli mar l-imputat wahdu wkoll. Ix-xhud ma ftakarx d-data meta mar mal-imputat f'dan l-ufficju. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx kapaci jikkonferma d-dokumenti li hadu dakinhar hu u l-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jikkonferma dan.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikoli 167, 169 u 172 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi bhala reat kull min jiffalsifika xi dokument kif deskritt fl-istess artikolu.

Skond **Sir Anthony Mamo, kif imfisser fl-appunti tieghu** w imsemmija fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sant et**,

*"Our criminal code … like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings, it specifies the special ways in which the particular crimes may be committed… In two ways … may in general a forgery be committed, either by*

*making in whole or in part a false document [counterfeiting] or by* *<u>altering</u>* *a genuine document."*

F'dan il-kaz, bhala fatt jirrizulta li l-falsita fid-dokument materjali u dan ghaliex kien hemm timbru fuqu li ma kellux ikun hemm, peress li ma kienx wiehed originali mahrug mid-Dipartiment. Ma hemmx dubbju li d-dokument isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu.

Ai finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita, ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' talba jew dikjarazzjoni ta' volunta. S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss s-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografati u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies.

Il-kitba f'dan s-sens tista ssir kemm bil-id, kif wkoll b'mezzi mekkanici, b'mezzi indellibbli jew li jista jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, import temporanjament il-messagg - karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastic etc… [vide **Il-Pulizija v Paul Galea** ***deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru, 1997***]

Issa, la mill-provi prodotti u lanqas mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni dokument JC a fol 10 tal-ati, ma jirrizulta li l-imputat b'xi mod ghamel l-falsifikazzjoni tad-dokument jew addirittura ppartecipa ma xi terza persuna sabiex din issir w ghalhekk l-imputat ma jistax instab hati ta' din l-akkuza.

L-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad jipprovdi bhala reat li kull min xjentement aghmel uzu minn dokument falz kif imsemmi fl-artikoli 165, 167 u 168 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li ghal ezistenza ta' dan r-reat, jinhtieg li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat ghamel uzu minn dokument kif imsemmi f'din d-disposizzjoni tal-ligi <u>xjentement</u>.

Illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li kien l-imputat li effettivament ghamel din l-allegata falsifikazzjoni, w in oltre, naqset wkoll li tressaq lil xi xhud sabiex jghid li l-firma taht l-kitba allegatament falza, ma hijiex tieghu. Hadd mix-xhieda prodotta ma gharaf l-firma bhala wahda li tixbah lil dik tieghu jew li effettivament kellha tkun tieghu.

L-imputat fl-istqarrija tieghu jaghti spjegazzjoni plawsibli ta' kif effettivament sar t-timbru fuq d-dokument in kwistjoni. Illi fil-fatt, fl-istqarrija in kwistjoni, il-prosekuzzjoni tistaqsi hafna domanda fuq diversi importazzjonijiet li ghamel l-imputat, izda domanda wahda biss saret fuq t-timbru u cioe fejn allegat li t-timbru OHSU kien falz skond l-informazzjoni li kellha.

L-imputat pero jisjega kif effettivament sar t-timbru u cioe minn persuna li tahdem fid-dipartiment koncernat. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat <u>xjentement</u> ghamel uzu minn dak li kien jaf li hu falz.

Il-prosekuzzjoni tghid wkoll li d-dipartiment koncernat ma kellu ebda record dwar r-rilaxx tal-merkanzija li saret a bazi ta' dan d-dokument.

Ghal dan, zgur li ma jahtix l-imputat ghaliex fil-fatt r-rilaxx mill-impjegati tad-Dwana sar a bazi tad-dokumentazzjoni presentata lilhom. Ma jirrizultax li sar xi abbuz jew irregolarita mill-imputat. Ghalhekk, fl-isfond tas-suespost, din t-tieni akkuza ma tirrizultax.

Ghar-rigward t-tielet akkuza, il-Qorti tirrileva li din hija naxxenti mill-artikolu 172 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe falsifikazzjoni ta' sigill.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ma jirrizultax b'certezza jew sal-grad rikjest mill-ligi, li kien l-imputat li effettivament ghamel tali falsifikazzjoni.

Fl-ahhar nett, il-Qorti rat li l-imputat gie akkuzat talli gie fil-pussess t'oggetti li l-importazzjoni taghhom, hija limitata u dan billi xjentement kellu b'xi mod, x'jaqsam fis-

sostituzzjoni ta’ dokument falz lid-dipartment tad-Dwana biex tigi rilaxxata l-merkanzija.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-oggetti li effettivament gew impurtati mill-imputat u cioe l-*car shampoo* u *detergents* u cioe dawk imsemmija fid-dokument CHS 6 [fol 18] kellhom xi mportazzjoni ristretta. Ix-xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni kienet xehdet biss dwar l-falsita o meno tad-dokumentazzjoni esibita u mhux fuq il-konsenja li giet impurtata w id-dazju tal-VAT li kellu jithallas fuha. Fil-fatt, fl-atti lanqas biss hemm esibiet l-Letter to Prosecute mill-Kontrollur tal-VAT li hija rikjesta *sine qua non* w in oltre, lanqas ma tressaq xi xhud mid-dipartiment tad-Dwana biex jghid kif gie kalkolat l-VAT, li huwa pretiz mill-prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 167, 169 u 172 tal-Kap 9, l-artikolu 62(a)(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 u l-artikolu 18A(1) tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat NORMAN BEZZINA hati ta' tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------